# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2020

**Rikors Numru 509/20 TA**

**Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 379/2020 fl-ismijiet:-**

**Sasco Limited C-64864**

**vs**

**Micallef Brian li ghandu l-karta tal-identita' bin-numru 479086M u 33 Homes Limited C-94825**

**U**

**Fl-Atti tas-Sekwestru (Kawtelatorju) Numru 626/20 fl-ismijiet:-**

**Sasco Limited C-64864 (Sekwestrant)**

**vs**

**Micallef Brian li ghandu l-karta tal-identita' bin-numru 479086M u 33 Homes Limited C-94825 (Sekwestrat)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Brian Micallef presentat fis-26 ta' Lulju 2020 ai termini tal-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta ta' Sasco Limited tal-24 ta' Lulju 2020;

Rat l-atti u dokumenti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Rat il-verbal tal-partijiet fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu qablu li dan ir-rikors ikun trattat kontestwalment mar-rikors numru 510/20 u li kwalunkwe prova f'dan ir-rikors għandha tapplika għal dak ir-rikors;

Semgħet lil Brian Micallef jixhed fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2020;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li fl-istess seduta r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz ta' dawn il-proċeduri l-imsemmi Brian Micallef qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru 626/2020 fl-ismijiet premessi abbażi tal-artikolu 836(1)(b),(d),(e)u (f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed 'prima facie' u dan għaliex il-mertu jmissu jiħi mistħarreg fil-kawża proprja bejn il-partijiet (Ara **P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001**

**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd.**"). Di fatti din ix-xorta ta' kawza diġa' tesisti, tant li dawn il-proċeduri saru fl-atti tagħha kif rikjest minn l-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Dan ifisser, li konsiderazzjonijiet ta' natura legali li ma jistgħux jinċidu fuq il-mertu tal-Kawża ma jaqgħux fil-kompetenza ta' din il-Qorti ai fini ta' dawn il-proċeduri. Fost dawn il-punti ta' natura legali tirrigwarda l-kwistjoni dwar il-leġittimu kontradittur jew min hu tenut li jwieġeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrent. Li kieku din il-Qorti f'dawn il-proċeduri kellha tiddetermina punti legli ta' din ix-xorta, kieku tkun qegħdha b'antiċipu u b'mod xejn regolari tiddeċiedi fil-mertu tal-kawża.

L-istħarrig meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma eżami x'aktarx formali ta' l-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħarigx b'mod abbużiv. (Ara **Kumm. GMA 23 ta' Ġunju 1994: "Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**").

Dan ifisser illi l-Qorti għandha tistħarreġ, fl-ewwel lok jekk jirriżultax maddaqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv jiġi definit mill-Qorti kompetenti. (ara **"Vincent Mercieca vs George Galea" – P.A. (RCP)**

**tad-29 ta' Novembru 2001;"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited" - P.A. (RCP) tal-5 ta' Ġunju 2007**).

Il-Qorti tosserva li għalkemm ir-rikorrent igħid li hemm garanzija mogħtija li għandha titqies li tkun biżżejjed sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tas-Soċjeta' intimata (836(1)(e)) ma jgħidx bi preċiżjoni x'inhi din il-kawtela. L-anqas fid-deposizzjoni tiegħu ma jispjega f'hiex tikkonsisti din il-garanzija, ħlief li kien offra għaxart elef ewro lir-rappresentant tas-Soċjeta' intimata (ara a' fol 41 tergo u 47). Iżda b'dana kollu, fir-risposta tas-Soċjeta' intimata jingħad illi *"ġiet depożitata is-somma sekwestrata mill-Bank of Valletta plc fid-19 ta' Ġunju 2020. Il-bank ma identifikax ta' min kienu dawn il-flus"* (ara a' fol 12).

Dawn il-proċeduri ġew presentati kemm fl-atti tas-Sekwestru u kif ukoll tar-rikors ġuramentat. Minn hawn isegwi, li din il-Qorti għandha s-setgħa li tieħu konjizzjoni tal-atti anċillari u konnessi ma' dawn il-proċeduri. Ma hemm ebda dubbju li anke taċ-ċedola imsemmija u preżentata fl-atti tas-sekwestru hija hekk konnessa. Di piu', indipendentement minn din il-konnessjoni tal-atti l-Qorti dejjem għandha d-dritt li tara atti ta' dawn il-Qrati by *judicial notice* (ara **Deċiżjoni QA fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs-Guido Falzon et tal-20 ta' Lulju 1994**).

Iċ-ċedola li tirreferi għaliha s-Soċjeta' intimata, ġiet presentata mill-Bank of Valletta Plc, fid-19 ta' Ġunju 2020. Din hija ċedola numru 844/2020, fl-atti tas-sekwestru mertu ta' din il-Kawża. Il-Bank inkwistjoni għadda għad-

depositu minħabba l-obbligi li għandu tal-artiklu 376 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Permezz ta' din iċ-ċedola ġew depositati taħt l-Awtorita' ta' dawn il-Qrati ammonti ta' flus ekwivalenti għall-ammont li qed ikun pretiż, kemm fis-sekwestru odjern u kif ukoll fir-rikors ġuramentat. Dan ifisser, li l-iskop tal-mandat intlaħaq, għaliex bis-saħħa tiegħu tqegħdu flejjes f'idejn ir-reġistratur f'ammont ekwivalenti għal dawk li qed ikun pretiz.

Il-Qorti tirrileva li artikolu 944 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk dwar depositi ta' flus taħt l-Awtorita' tal-Qorti:

*(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tgħid xort'oħra, il-flus hekk imqiegħda ma jistgħux jiġu żbankati, kollha jew biċċa minnhom, mingħajr ma jiġu mħarsa l-kondizzjonijiet magħmulin fiċ-ċedola ta' depożitu, ħlief jekk l-iżbank isir b'esekuzzjoni ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat jew wara kunsens espress tal-persuni interessati.*

Miċ-ċedola inkwistjoni jingħad, li dawn ġew depositati in ottemperanza mal-ordni mogħtija minn din il-Qorti permezz tas-sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri. Fl-ordni tagħha l-Qorti ordnat li "*kopja tal-mandat (l-ewwel lis-sekwestratarji hawn fuq imsemmija u imbagħad lis-sekwestrat fuq imsemmi iġġiegħel lill-istess sekwestratarji li jżommu għandhom bħala issekwestrata sakemm jagħlaq iż-żmien li fih il-mandat jibqa' fis-seħħ skond il-liġi, jew sakemm jingħata ordni ieħor, jew li jqegħdu fir-Reġistru ta' din il-Qorti, mill-imsemmija ħwejjeġ jew flus tas-sekwestrant (jew somma) biżżejjed sabiex biha titħallas it-talba tas-sekwestrant flimkien ma spejjes*

*ta' dan il-mandat taħt piena ta' danni u imgħaxijiet kemm-il darba jinkiser dan l-ordni*."

Il-loġika ta' dan kollu tiddetta żewġ sitwazzjonijiet. Li l-mandat ma għandux jitneħħa ħlief:

Meta jkun hemm il-kunsens tal-partijiet, ikunu ġew sodisfatti il-kundizzjonijiet taċ-ċedola jew b'Sentenza tal-Qorti.

Jew jekk l-ammonti ta' flejjes li jkunu laħqu ġew depositati jikkawtelaw il-pretensjonijiet, anke jekk dan isir b'konsegwenza tal-mandat.

Din il-Qorti tħoss li jkun illoġiku għall-aħħar li l-mandat jibqa' fis-seħħ bil-mod sikkanti u inkonvenjenti kollha li jġib miegħu, meta wieħed mis-sekwestratarji jkun qiegħed fiċ-ċert taħt l-Awtorita' tal-Qorti l-ammont pretiż ekwivalenti għall-pretensjoni tas-sekwestrant.

Dan ifisser li meta l-Bank of Valletta plc iddeposita skont l-ordni, li jitqegħdu flus biżżejjed biex titħallas it-talba tas-sekwestranti, li s-sekwestru ma għandux jibqa'. Il-flejjes hekk depositati għandhom jibqgħu taħt l-Awtorita' tal-Qorti sakemm jiġu determinati l-pretensjonijiet tar-rikors fil-proċeduri li nbdew bir-rikors ġuramentat. Għalhekk, meta jitneħħa dak il-mandat, ma jġibx fix-xejn kull depositu li jkun sar minn sekwestratarju permezz ta' ċedola fl-atti ta' dak il-mandat.

Il-Qorti f'dan is-sens, ser tkun qed tilqa' it-talba tar-rikorrent abbażi tal-artikolu 836(1)(e) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, b'dana li ser tkun qed tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex sabiex ma jirrilaxxja ebda flejjes miċ-ċedola 844/2020 fl-ismijiet premessi, sakemm ma jkun hemm deċiżjoni finali tal-Qorti fl-atti tar-Rikors ġuramentat 379/2020/TA u li għalhekk għandu jimxi skont l-eżitu ta' dawk il-proċeduri.

Di piu hija tal-fehma li fid-dawl tad-depositu imsemmi ma jkunx raġjonevoli li l-mandat jibqa' fis-seħħ peress li ma huwiex aktar meħtieġ fit-termini tal-artiklu 836(1)(f). Il-ħtieġa kawtelatorja ma għadhiex meħtieġa skont il-liġi ġaladarba issa li l-pretensjoni tinsab kawtelata bid-depositu imsemmi.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qegħdha tilqa' it-talba tar-rikorrent abbażi tal-artikolu 836(1)(e) u (f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u konsegwenzjalment tirrevoka l-ordni li bih inħareġ il-mandat ta' sekwestru numru 626/2020, fl-ismijiet premessi. Tordna għalhekk il-ħruġ tal-kontro-mandat opportun, b'dana li l-flejjes kollha depositati permezz ta' ċedola 844/2020 fl-ismijiet premessi, ma għandhomx ikunu żbankati jew rilaxxjati qabel ma jkun hemm deċizjoni finali fl-atti tar-rikors ġuramentat 379/2020/TA fl-ismijiet premessi u li għalhekk ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili għandu jimxi skont l-eżitu ta' dawk il-proċeduri meta jintalab li jsir l-iżbank.

Tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili għall-effetti kollha tal-liġi.

Spejjes ta’ dawn il-proċeduri fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa.

**Mogħti kameralment illum 31 ta’ Lulju, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**